# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta ta nhar il-Erbgha, 26 ta' April, 2000, fid-9.00 a.m.**

**CITAZZ. NUMRU : 622/95 VDG**

**Roderick Tanti**

**v.**

**Sonia Tanti**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata minn Roderick Tanti fil-15 ta' Mejju, 1995 li permezz taghha, wara li ppremetta:

Illi l-partijiet kontendenti zzewgu fis-7 ta' Jannar, 1994 fil-Knisja ta' San Giljan (kopja tac-certifikat annessa, Dok. "A");

Illi minn dan iz-zwieg huma kellhom tifel jismu Kilian Russell (kopja tac-certifikat tat-twelid annessa, Dok. "B");

Illi s-Sekond' Awla tal-Qorti Civili awtorizzat li ssir il-kawza ghas-separazzjoni personali bejn il-partijiet permezz ta' digriet numru 300/95 (kopja annessa, Dok. "C");

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti saret impossubbli minhabba mohqrija, sevizzi, theddid u ngurji gravi da parti tal-konvenuta fuq l-attur u minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabilment;

Premess dan kollu, l-attur talab lill-konvenuta tghid ghala din il-Qorti m'ghandhiex:

1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minhabba htijiet imputabbli lill-konvenuta;
2. tafda f'idejn l-attur u l-konvenuta flimkien l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri tal-pertijiet hawn fuq imsemmi;

3. tiffissa retta alimentarja xierqa ghall-imsemmi tifel minuri taghhom, pagabbli b'dawk il-modalitajiet li din il-Qorti thoss li ghandha tistabilixxi; u
4. tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu likwidati u maqsuna f'zewg porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attur u l-ohra lill-konvenuta, okkorrendo bl-opra ta' perit nominat sabiex jillikwida l-istess komunjoni u jiddividiha;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond' Awla kontra l-konvenuta, ingunta ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Sonia Tanti, minnha ppresentata fil-5 ta' Settembru, 1995 li permezz taghha eccepiet li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda stante illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti giet reza impossibbli minhabba vjolenza, mohqrija, sevizzi, theddid u ingurji gravi, u tortijiet ohra kollha imputabbli lill-attur Roderick Tanti;

Rat il-kontro-talbiet tal-konvenuta (tal-istess data, cioe` 5 ta' Settembru, 1995) fejn, wara li ppremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fis-7 ta' Jannar, 1994 fil-Knisja ta' San Giljan;

Illi minn dan iz-zwieg kellhom tifel jismu Kilian Russell, u li hi (cioe` l-konvenuta) ghandha cirka erba' xhur tqala bit-tieni tarbija tal-kontendenti;

Illi l-kontendenti gew awtorizzati jghaddu ghall-kawza ta' separazzjoni personali b'digriet tas-Sekond' Awla;

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti giet reza impossibbli minhabba vjolenza, mohqrija, sevizzi, theddid, u ingurji gravi, kollha imputabbli lil Roderick Tanti, u minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabilment;

Premess dan kollu, l-konvenuta talbet lill-attur jghid ghala din il-Qorti m'ghandhiex:

1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minhabba ragunijiet u htijiet imputabbli unikament lill-attur rikonvenut;
2. tafda f'idejn l-esponenti Sonia Tanti l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri Kilian Russell kif ukoll it-tarbija li ghadha ma twelditx;
3. tiffissa retta alimentarja xierqa ghall-istess Sonia Tanti u ghall-imsemmija tifel minuri u tarbija li ghadha ma twelditx, pagabbli mill-attur rikonvenut b'dawk il-modalitajiet li l-Qorti thoss li ghandha tistabilixxi; u
4. tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu likeidati u maqsuma f'zewg porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lil Sonia Tanti u l-ohra lill-attur rikonvenut, okkerrendo bl-opra ta' periti nominandi;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond' Awla kontra l-attur rikonvenut, ingunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur (tal-5 ta' Ottubru, 1995) ghall-kontro-talbiet tal-konvenuta, li permezz taghha huwa eccepixxa li li l-imsemmija kontro-talbiet humainfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluzi d-deposizzjonijiet migbura mill-Assistant Gudizzjarju; semghet il-provi riferibbilment ghall-kwistjoni tal-manteniment; ikkunsidrat:

1. F'din il-kawza l-attur ma ressaqx provi in sostenn tat-talba tieghu ghas-separazzjoni personali; l-unici provi li ressaq kienu fuq rikorsi *ad hoc* riferibbilment ghall-*quantum* tal-manteniment *pendente lite.* In fatti fl-udjenza tat-28 ta' Jannar, 1998 (fol. 107), wara li l-Qorti giet infurmata mill-Assistent Gudizzjarju li ghal diversi seduti minnu mizmuma l-attur baqa' ma deherx, l-istess Assistent Gudizzjarju gie ordnat sabiex jigbor il-provi mressqa mill-konvenuta. Effettivament l-unici provi migjuba f'din il-kawza dwar is-separazzjoni personali u x'wassal ghaliha huma dawk imressqa mill-konvenuta, konsistenti fid-deposizzjonijiet taghha, ta' ommha u ta' missierha, ta' Patri William Axiaq u ta' Joseph Sacco. Wara li fl-udjenza tas-16 ta' Novembru, 1999 il-konvenuta ddikjarat li ma kellhiex aktar provi xi tressaq, il-kawza thalliet ghas-sentenza.

2. Mill-kumpless tal-provi jirrisulta li l-kontendenti zzewgu meta l-konvenuta kellha daqs erba' xhur tqala. Huma zzewgu pjuttost ta' malajr propju minhabba din ic-cirkostanza. Mill-istess provi hu evidenti li l-kawza principali ta' l-inkwiet matrimonjali bejn il-kontendenti hi l-imgieba tal-attur, li f'diversi okkazzjonijiet meta kien jitlewwem ma' martu kien jispicca jkun vjolenti maghha kemm moralment – fis-sens li jheddidha u jinsultaha – kif ukoll fizikament – billi jsawwatha. Inoltre, matul il-periodu li huma ghamlu jghixu taht l-istess saqaf, kien hemm zmien meta hu ma kienx jaghti flus lil martu, tant li hija kienet spiccat tixtri l-affarijiet ghall-bzonnijiet ta' kulljum mill-flus li kienu inghataw bhala rigal tat-tieg. Li wiehed jobzoq f'wicc il-konjugi u joffendi lill-istess konjugi bil-familja tieghu jew taghha jammonta certament ghal eccessi kif ukoll ghal offizi gravi. Sinjifikanti huwa s-segwenti bran mid-deposizzjoni tal-konvenuta moghtija quddiem l-Assistant Gudizzjarju fis-7 ta' April, 1998:

"Il-vizzju li jobzoqli f'wicci ma inqatax. Darba bezghaqli f'wicci meta kont qed naghti breast feeding lil Kilian ta' xi tlett gimghat f'argument ghax kien hemm zewgt ihbieb ta' ommu u missieru Inglizi li jigu Malta spiss ghall-holiday. Hu ppretenda li ninzel isfel mill-ewwel biex jaraw it-tfal [**<u>recte</u>:** tifel] meta jien dak il-hin ma stajtx ninzel isfel ghax qed nisqi lit-tifel. L-ghajjat li beda jgahjjat f'wicci u f'wicc it-tifel kien tal-biza. Kulhadd semghu u l-girien kienu ta' spiss jisimghuh jiggieled mieghi. Aktar ma kont nghidlu biex ma jinstemghax aktar kien jghajjat u jidghi. Kien ukoll ta' spiss jheddidni" (fol. 118-119).

U fil-24 ta' April, 1998, il-konvenuta xehedet hekk:

"Glieda ohra kbira kienet bejn Ottubru u Novembru, 1994. F'argument beda jghajjarni illi l-familja tieghi huma hallelin. Offendini bihom ukoll u din il-haga kien jaghmilha hafna drabi. Huwa beda jghajjarhom qammelin ghaliex ma setghux jaffordjaw johorgu flus fit-tieg taghna. Jiena ghidtlu illi huwa qammiel ghaliex li kelli l-Bank jiena infaqtu kollu. Specjalment biex nitma lilu stess…Meta ghidtlu illi kien huwa l-qammiel taghni

daqqa ta' ras qawwija fuq wicci specjalment imniehri li fil-fatt ghadu ftit inklinat lejn il-lemin tant li n-nuccali tax-xemx ma joqghodlix sewwa…Ghal xi nofs in-nhar neqsin kwart gie Roderick irrabjat…u staqsieni b'herra fuq xi flokk li ried u jien ma stajtx insibu u ghidtlu biex nara hux f'xi laundry bag biex nara jekk huwiex ghall-hasil u Roderick beda jinghi u joffendini u jheddidni ghaliex huwa qalli li jiena qed ngholli lehni mieghu u ghidtlu kemm-il darba li jien ma kontx qed ngholli lehni u huwa baqa jargumenta u sab l-okkazzjoni biex jerfa' idejh fuqi u beda jtini bil-ponn go rasi u bis-sieq u dak il-hin kelli t-tifel f'idi u t-tifel beda jibki u jgahjjat u kien imwerwer, u mort inqieghed it-tifel fis-sodda, u Roderick beda jtini kemm jiflah u telaq 'l barra u minn dak in-nahr il-glied ma inqatax…F'dan iz-zmien huwa kien keccini mill-kamra tas-sodda u bdejt norqod fuq saqqu ma' l-art. Dan kien fl-ewwel tlett xhur tat-[tieni] tqala ghax hsibna illi kont tqila. Fl-ewwel tlett xhur tat-tqala jien kont norqod b'saqqu mal-art u huwa kien il-hin kollu jheddidni u jtini bil-ponn fl-istonku tieghi bis-sieq ma' saqajja u kullimkien" (fol. 121-122, 127-128).

Kif inghad, mill-kumpless tal-provi din il-Qorti hi sodisfatta li hemm ragunijiet bizzejjed sabiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba eccessi, mohqriha, theddid u offizi gravi da parti tal-attur fil-konfront tal-konvenuta.

3. Il-kontendenti ghandhom zewt itfal, Kilian Russell, li twieled fit-18 ta' Gunju, 1994 (ara c-certifikat tat-twelid a fol. 6) u Tristan, li twieled fil-mori tal-kawza. Dawn iz-zewt itfal ta' eta zghira jinsabu fil-kura u l-kustodja tal-omm; u din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala ghandha tvarja dan l-istat ta' fatt. Jidher ukoll – ghalkemm prova medika fuq dan ma ingabitx – li Kilian ibati minn xi forma ta' "autism" u anke ghandu bzonn xi suletti specjali biex jikkoregu l-mod kif jimxi. Dan qed jinghad in vista ta' dak li ser jigi provvdut dwar il-manteniment. Naturalment il-Qorti ser tipprovdi wkoll ghall-access tal-missier.

4. Dwar il-mezzi tal-missier ghall-fini tal-manteniment, din il-Qorti ser tibbaza ruhha fuq id-deposizzjonijiet moghtija fl-udjenza tas-26 ta' Lulju, 1999. F'din l-udjenza l-attur kien iddikjara li hu dizokkupat u li kien qed jirregistra ghax-xoghol u jghix bir-*relief* u li ma kellu ebda dhul iehor. Xehed ukoll Ivan Cilia, rappresentant tad-Direttur tas-Servizzi Socjali, dwar il-fatt li l-attur kien qed jircevi Lm28.47 fil-gimgha bhala ghajnuna socjali. F'dik l-udjenza din il-Qorti kienet, fid-dawl ta' dan id-dhul limitat tal-attur, iffissat il-manteniment li huwa kellu jhallas, *pendente lite*, lil martu ghaliha u ghal uliedha fis-somma ta' sittin lira fix-xahar. Din il-Qorti ser tikkonferma dana l-ammont bhala manteniment, salv, naturalment id-dritt tal-partijiet li jitolbu revizjoni fil-kaz li c-cirkostanzi ta' parti jew ohra jinbidlu.

5. Kwantu ghall-komunjoni ta' l-akkwisti, ma ingabux provi bizzejjed li a bazi taghhom din il-Qorti tista' b'gustizzja tillikwida l-istess komunjoni. Apparti l-*fridge*, *cooker*, *washing machine* u *Hi-Fi Stereo* li inxtraw mill-partijiet matul iz-zwieg, jidher li hemm *flat*, li f'xi zmien kienu joqghodu fih il-partijiet. Mid-deposizzjoni tal-konvenuta tad-29 ta' April, 1998 (fol. 139 u 140) ma huwiex car min ezattament xtara dan il-flat, jekk hux l-attur jew zijuh. Kopja tal-kuntratt relattiv qatt ma giet ezibita; anqas ma saret prova sodisfacenti ta' min qed ihallas lill-bank ghal xi self fuq dan ix-xiri, jew ir-rata li biha qed tithallas is-somma mislufa. Fid-deposizzjoni taghha, in kontro-ezami, tal-15 ta' Novembru, 1999 il-konvenuta ssemmi wkoll il-kamra tas-sodda. Ghalkemm din il-Qorti tifhem li din

tista' tinkwadra f'dak li jipprovdi l-Artikolu 1320(e) tal-Kodici Civili, ma nghata l-anqas l-icken hjiel dwar prezz.

6. Ghall-motivi premessi din il-Qorti tiddeciedi billi (a) **tichad** l-**ewwel**, it-**tieni** u t-**tielet** talbiet ta' l-attur; (b) **tilqa'** l-**ewwel** kontro-talba tal-konvenuta u konsegwentement tiddikjara l-firda personali bejn il-partijiet ghall-finijiet u effetti kollha tal-Artikolu 35(1) tal-Kodici Civili u dana minhabba eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi da parti tal-attur versu l-konveuta martu; (c) **tilqa'** t-**tieni** kontro-talba tal-konvenuta, u konsegwentement tafda l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri tal-partijiet, u cioe` ta' Kilian Russell u Tristan, f'idejn l-istess konvenuta, b'dana li l-attur missierhom ikollu access ghalihom bil-mod kif gej: kull nhar ta' Tnejn u nhar ta' Erbgha bejn l-erbgha u sitta ta' wara nofs in-nhar (4.00 pm – 6.00 pm), u kull nhar ta' Sibt u Hadd bejn nofs in-nhar u sitta ta' wara nofs in-nhar (12.00 noon – 6.00 pm); (d) **tilqa'** t-**tielet** kontro-talba tal-konvenuta u konsegwentement tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenuta martu, bhala manteniment ghaliha u ghaz-zewg ulied minuri, is-somma ta' sittin lira (Lm60) fix-xahar, pagabbli bil-quddiem fil-post fejn tkun qed tirrisjedi l-istess konvenuta; jibqa' impregudikat id-dritt tal-partijiet li jitolbu revizjoni ta' dan l-ammont fil-kaz li c-cirkostanzi ta' parti jew ohra inbidlu jew jinbidlu minn kif spjegat lil din il-Qorti fl-udjenza tas-26 ta' Lulju, 1999; (e) **tilqa'** r-**raba'** talba tal-attur kif ukoll ir-**raba'** kontro-talba tal-konvenuta limitatament kif gej, u cioe` billi tordna li l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti tispicca mill-jum li fih din is-sentenza tkun finali u konluziva, izda tastjeni milli tipprovdi dwar il-kumplament tal-istess talba u kontro-talba.

L-ispejjez kollha ta' din il-kawza, inkluzi l-ispejjez inkorsi quddiem is-Sekond' Awla, ghandhom jigu sopportati mill-attur.

Vincent Degaetano
Imhallef

Paul Miruzzi
Dep. Registratur